MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## MARSEANN FARRUGIA

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2010

Numru. 365/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond J Borg)**

**vs.**

**Brian Vella**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra

Brian Vella ta’ 39 sena iben Anthony u Carmela nee’ Barbara mwieled Haz-Zabbar nhar is-6 ta’ Frar 1971 u residenti 19, Vella, Triq il-Kappar, Zabbar, detentur ta’ karta ta’ l-identita’ bin-numru 119571 (M).

Akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer f’dawn l-ahhar tliet xhur :

1. forna jew pprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, lill-persuna/i jew għall-użu ta' persuna/i mingħajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/39) jew minn xi awtorita' mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-6 Taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu licenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema reat sar fi jew gewwa distanza ta' mitt metru m ill-perimetru ta' skola, club jew centru taz-zghazagh jew xi post iehor fejn normalment jiltaqghu iz-zaghzagh skond l-Artikolu 22 (2b) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta; liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li turi li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

3. kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokaina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolamenti tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. talli rrenda ruhu ricediv b'sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;
5. talli kkommetta reat punibbli bi prigunerija waqt perjodu operattiv ta' sentenza sospiza ta' prigunerija, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) ta' l-Artikolu 22 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Wara li rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni, u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Wara li semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi migjuba u mill-ammissjoni ta’ l-imputat stess, il-Qorti issib lill-imputat hati ta’ l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-hati, il-fatt li huwa ikkopera mal-pulizija, ghalkemm irid jinghad ukoll li mill-istqarrija jirrizulta li huwa inqabad *red-handed*, u l-fedina penali pjuttost raffrettarja tieghu, minn fejn jirrizulta li *inter alia* huwa diga nstab hati darb’ohra ta’ traffikar ta’ drogi, u darbtejn ohra instab hati ta’ pussess semplici ta’ droga. Il-Qorti taqbel ukoll mas-sottomissjoni tal-partijiet li ghall-fini tal-piena, it-tieni (2) imputazzjoni hija assorbita fl-ewwel (1) imputazzjoni, stante li serviet bhala mezz ghall-fini sabiex seta’ jigi kommess ir-reat ta’ forniment jew prokurar ta’ droga, a tenur ta’ l-Artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9.

Ghall-fini tal-piena il-Qorti hadet ukoll in konsiderazzjoni id-dikjarazzjoni ta’ l-ufficjal prosekutur li l-hati ghandu jibbenifika minn mitigazzjoni fil-piena a tenur ta’ l-Artikolu 29 tal-Kapitolu 101, stante li ta xhieda guramentata kontra terza persuna, li instabet hatja ta’ traffikar ta’ droga u giet ikkundannata piena ta’ prigunerija u multa. Pero anke jekk dina l-Qorti tati l-massimu tal-beneficcju kontemplat fl-Artikolu 29, u cioe tnaqqas il-piena ta’ prigunerija b’zewg gradi, u l-piena pekunjarja b’nofs, fil-kaz odjern dan il-beneficcju huwa newtralizzat bis-segwenti zewg aggravanti u cioe:

1. illi ir-reat ta’ forniment jew prokurar ta’ droga sar fi jew gewwa distanza ta’ mitt (100) metru mill-perimetru ta’ post fejn normalment jiltaqghu is-zghazagh, ai termini ta’ l-Artikolu 22(2)(b) tal-Kapitolu 101, u ghalhekk il-piena ghandha tizdied bi grad.
2. il-hati ammetta wkoll ghall-akkuza li huwa recidiv. Fil-fatt huwa recidiv plurimu, u invista tal-fedina penali raffrettarja tieghu, il-Qorti tqis li liuwa gust li l-piena ghanda tizdied bi grad.

Konsegwentement dawn iz-zewg aggravanti, li jekwivalu ghal zieda fil-piena ta’ zewg gradi, jinnewtralizzaw il-beneficcju li l-hati ghandu jinghata ta’ tnaqqas fil-piena ta’ zewg gradi a tenur ta’ l-Artikolu 29 tal-Kapitolu 101.

Il-Qorti tixtieq taghmilha cara li hi tqis it-traffikar ta’ drogi bhala reat serjissimu, u ma huwa ebda attenwant il-fatt li dan isir minn *drug addict* biex ikun jista’ jiffinanzja il-vizzju tieghu. Huwa vera li l-hati inqabad b’ammont zghir ta’ droga (pakkett wiehed ta’ eroina u ghoxrin Euro (€20.00) rapprezentanti l-flus mill-bejgh ta’ pakkett iehor), pero mill-istqarrija tieghu jirrizulta li huwa kien ilu jforni d-droga ghal circa xaharejn, u skond l-imputazzjoni ammessa minnu ghal tlett xhur, apparti l-fatt li huwa diga instab hati darb’ohra ta’ traffikar ta’ droga. Kif sewwa osservat il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali fil-kawza **Il-Pulizija v. Carmel Shone Aguis** deciza fl-20 ta’ Jannar 1997, *“min isofri mill-problema tad-droga ghandu jipprova jikkura ruhu u mhux jaccetta li jittraffika d-droga sabiex jakkwista minnha minghajr flus. Il-vizzju ta’ dak li jkun ma jintitolahx jaghmel hsara lil haddiehor, u possibilment jirvina anke zghazagh ohra, biex jissodisfa l-htigijiet tieghu.”*

In vista tal-fatt li mill-atti ma’ jirrizultax li f’dan il-kaz gew inkorsi spejjez ghal hatra ta’ esperti, il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba sabiex l-imputat ihallas tali spejjez.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a), 22 (2) (b) (ii) u 29 tal-Kapitolu 101, r-Regolamenti 4 u 9 tal-GN 292/1939, u l-Artikoli 49, 50, 17(b) u 17(h) tal-Kapitolu 9, issib lill-imputat hati ta’ l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, tikkundannah ghal sentejn (2) prigunerija, kif ukoll tikkundannah ghall-hlas ta’ multa ta’ elf Euro (€1,000.00), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tista’ tithallas b’rati mensili u konsekuttivi ta’ hamsin Euro (€50.00), b’dan li l-ewwel pagament ikun dovut sa mhux aktar tard mill-1 ta’ Jannar 2011, b’dan li jekk l-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta’ gurnata habs ghal

kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

Tordna ulterjorment li l-piena ta' prigunerija ta' tmintax-il xahar habs sospizi ghal tlett (3) snin moghtija permezz ta' sentenza fl-ismijiet premessi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar is-26 ta' Novembru 2009 tigi reza operattiva, u b'hekk l-hati ghandu jaghmel perjodu globali ta' tlett (3) snin u nofs prigunerija, apparti l-hlas tal-multa fuq imposta.

Il-Qorti tordna id-distruzzjoni tad-droga ezebita taht is-supervizjoni tar-Registratur, kif ukoll il-konfiska tal-flus esebiti favur il-Gvern ta' Malta

Fl-ahharnett, il-Qorti tattira l-attenzjoni tad-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin li minhabba l-problema li ghandu l-hati ta' abbuz ta' droga, jehtieg li jinghata l-kura kollha mehtiega minhabba tali problema.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------